ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 3

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2015**

| IR-RABA' SENA | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | IL-ĦIN: 15-il minuta |
|---|---|---|

# IL-KARTA TAL-GĦALLIEMA

## Gwida lill-għalliema għat-tmexxija tal-eżami tal-fehim mis-smigħ

1. L-għalliema tal-Malti li se jmexxu l-eżami tas-smigħ isellmu lill-istudenti u wara li jitqassmu l-karti tal-eżami tas-smigħ jgħidulhom:

   ***"Bonġu. Nitlobkom biex tiktbu isimkom, kunjomkom u l-klassi fil-post ipprovdut fil-karta ta' quddiemkom."***

2. Meta l-għalliema jaraw li l-istudenti lestew, jgħidulhom:

   ***"Issa se naqralkom is-silta. Nitlobkom toqogħdu attenti għall-qari. Ma tistgħux tiktbu jew taħdmu l-eżerċizzji waqt li nkun qed naqralkom is-silta."***

3. L-għalliema jaqraw is-silta kollha b'ritmu meqjus u meta jispiċċaw mill-qari jgħidu lill-istudenti:

   ***"Issa se naqralkom l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji li tridu taħdmu fuq is-silta li għadkom kemm smajtu. Tistgħu taħdmuhom waqt li qed naqra. Infakkarkom li s-silta ser terġa' tinqralkom darb'oħra."***

4. L-għalliema jaqraw l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji kollha kif hemm fil-karta. Wara dan il-qari l-istudenti jingħataw ftit ħin biex jaħdmu qabel ma jibda t-tieni qari tas-silta.

5. L-għalliema jgħidu lill-istudenti:

   ***"Issa se naqralkom għat-tieni u l-aħħar darba s-silta flimkien mal-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji. Tistgħu tkomplu taħdmu waqt dan il-qari."***

6. Kif l-għalliema jtemmu t-tieni qari jagħtu l-ħin biex l-istudenti jkomplu jaħdmu l-karta. Hekk kif tgħaddi kwarta mill-bidu tal-eżami, l-għalliema jgħidu lill-istudenti:

   ***"Il-ħin tal-eżami għadda. Jekk jogħġobkom ieqfu mill-kitba u se niġbor il-karti. Grazzi."***

7. L-għalliema inkarigati jaraw li l-karti kollha tal-eżami tas-smigħ jinġabru u l-istudenti jistgħu jkomplu bl-eżami tal-qari u l-kitba.

## Is-Silta għall-Qari: IL-QASMA BEJN L-GĦONJA U L-FOQRA

Skont l-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku, l-inugwaljanza bejn is-sinjuri u l-fqar fid-dinja llum laħqet l-ogħla livell f'dawn l-aħħar 30 sena. Jekk tqabbel id-dħul finanzjarju tal-aktar pajjiżi sinjuri ma' dak tal-ifqar pajjiżi membri fl-organizzazzjoni, issib li d-dħul finanzjarju tal-pajjiżi sinjuri bħala medja huwa disa' darbiet ogħla minn dak tal-fqar!

Terġa', f'xi pajjiżi, id-differenza hija akbar minn hekk: fl-Ingilterra d-dħul finanzjarju tas-sinjuri huwa 12-il darba ogħla minn dak tal-fqar; fl-Istati Uniti 14-il darba; fil-Messiku 25 darba; fil-Brażil 50 darba!

Għaliex din id-differenza bejn id-dħul tas-sinjuri u tal-fqar? Skont il-kittieb tar-rapport Michael Foster, raġuni minnhom hija li l-aktar persuni sinjuruni fid-dinja, li jammontaw għal 1% tal-popolazzjoni dinjija, dan l-aħħar irduppjaw id-dħul finanzjarju tagħhom. Raġuni oħra hija li l-benefiċċji fiskali, marbutin mat-taxxa, mhumiex jitgawdew minn min jinsab isfel nett tal-piramida soċjali.

F'Otturbu 2012, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Biedja ħabbret li fid-dinja hawn biljun ruħ, jiġifieri elf miljun persuna, bil-ġuħ. Dawn għandhom bżonn 30 biljun dollaru kull sena biex isalvaw. Sadanittant, sitt banek ċentrali fid-dinja, jiġifieri dawk fl-Istati Uniti, l-Unjoni Ewropea, il-Ġappun, il-Kanada, l-Ingilterra u l-Iżvizzera, irnexxielhom isibu 180 biljun biex salvaw għadd ta' banek privati mill-falliment.

Fl-Istati Uniti ngħata "pakkett ta' għajnuna" lill-banek falluti li kien jammonta għal 17-il triljun dollaru. Kieku kellek taqsam dawn is-17-il triljun li ngħataw il-banek privati, fuq it-30 biljun li hemm bżonn kull sena għal kontra l-ġuħ fid-dinja, issib li jkun hemm flus biżżejjed biex tisparixxi l-problema tal-ġuħ fid-dinja għas-600 sena li ġejjin!

Xi fatti u figuri dwar il-faqar u l-għana fid-dinja. Kont taf li:

- 40% tal-ġid kollu tad-dinja hu kkontrollat minn 1% tal-popolazzjoni dinjija?
- skont in-Nazzjonijiet Magħquda, ikun biżżejjed jekk terz tan-nefqa li ssir kull sena fuq l-armamenti militari, jintuża biex tissolva darba għal dejjem il-problema tal-faqar fid-dinja;
- fl-2012, fid-dinja kien hawn 1,226 persuna li l-ġid tagħhom kien ilaħħaq mill-inqas biljun dollaru kull wieħed;

- 3.5 biljun ruħ fid-dinja, jiġifieri nofs il-popolazzjoni dinjija, jaqilgħu anqas minn 2 dollari kuljum. Hemm pajjiżi fejn in-nies jaqilgħu saħansitra inqas minn hekk.

Illejla, meta tpoġġi rasek fuq l-imħadda, ftakar li madwar biljun persuna (elf miljun ruħ) oħra fid-dinja jkunu se jorqdu bi stonku vojt.

*(Addattament tas-silta "Illejla għandek x'tiekol" li dehret fil-magażin "Flimkien" ta' Awwissu 2014, Ħarġa numru 17, p.13)*

## Mistoqsijiet: (10 marki)

1. *Agħżel it-tweġiba t-tajba mill-għażliet mogħtija*:

   Skont l-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku, id-dħul finanzjarju tal-pajjiżi għonja jaqbeż dak tal-pajjiżi foqra b'medja ta':

   a. disa' darbiet.
   b. tmien darbiet.
   ċ. seba' darbiet.

2. *Agħżel it-tweġiba t-tajba mill-għażliet mogħtija*:

   Fl-Ingilterra, is-sinjuri jaqilgħu:

   a. 14-il darba aktar mill-foqra.
   b. 50 darba aktar mill-foqra.
   ċ. 12-il darba aktar mill-foqra.
   d. 25 darba aktar mill-foqra

3. *Imla l-vojt skont is-silta*:

   Ir-rapport inkiteb minn Michael _______________. Skont dan ir-rapport, raġuni minnhom għala l-persuni sinjuri fid-dinja saru aktar sinjuri hi li dawn ____________________________________ ____________________________________.

4. Il-frażi "benefiċċji fiskali" tfisser: ___________________________________________________.

5. F'Otturbu 2012, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Biedja ħabbret li fid-dinja hawn ______________________________________ bil-ġuħ.

6. Sadanittant, sitt banek ċentrali fid-dinja dan l-aħħar irnexxielhom isibu 180 biljun biex salvaw numru ta' _________________ ___________________mill-falliment.

7. Wieħed fil-mija tal-popolazzjoni tad-dinja għandha ____________ % tal-ġid kollu tad-dinja.

8. Skont in-Nazzjonijiet Magħquda biex tissolva l-problema tal-faqar fid-dinja jkun biżżejjed _________ tan-nefqa li ssir kull sena fuq l-armamenti militari.

9. Nofs il-popolazzjoni tad-dinja taqla' inqas minn _______________ kuljum.

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 3

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2015**

| IR-RABA' SENA | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | IL-ĦIN: 15-il minuta |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom: ____________________________________** **Il-klassi: _______________**

# IL-KARTA TAL-ISTUDENTI

## Mistoqsijiet: (10 marki)

1. *Agħżel it-tweġiba t-tajba mill-għażliet mogħtija*:

   Skont l-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku, id-dħul finanzjarju tal-pajjiżi għonja jaqbeż dak tal-pajjiżi foqra b'medja ta':

   a. disa' darbiet.
   b. tmien darbiet.
   ċ. seba' darbiet.

2. *Agħżel it-tweġiba t-tajba mill-għażliet mogħtija*:

   Fl-Ingilterra, is-sinjuri jaqilgħu:

   a. 14-il darba aktar mill-foqra.
   b. 50 darba aktar mill-foqra.
   ċ. 12-il darba aktar mill-foqra.
   d. 25 darba aktar mill-foqra

3. *Imla l-vojt skont is-silta*:

   Ir-rapport inkiteb minn Michael _______________. Skont dan ir-rapport, raġuni minnhom għala l-persuni sinjuri fid-dinja saru aktar sinjuri hi li dawn ____________________________________ ____________________________________.

4. Il-frażi "benefiċċji fiskali" tfisser: ___________________________________________________.

5. F'Otturbu 2012, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Biedja ħabbret li fid-dinja hawn ______________________________________ bil-ġuħ.

6. Sadanittant, sitt banek ċentrali fid-dinja dan l-aħħar irnexxielhom isibu 180 biljun biex salvaw numru ta' __________________ ___________________ mill-falliment.

7. Wieħed fil-mija tal-popolazzjoni tad-dinja għandha ____________ % tal-ġid kollu tad-dinja.

8. Skont in-Nazzjonijiet Magħquda biex tissolva l-problema tal-faqar fid-dinja jkun biżżejjed _________ tan-nefqa li ssir kull sena fuq l-armamenti militari.

9. Nofs il-popolazzjoni tad-dinja taqla' inqas minn _______________ kuljum.

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 3

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2015**

| **IR-RABA' SENA** | **IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba)** | **IL-ĦIN: Sagħtejn** |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom:** ______________________________________ **Il-klassi:** _______________

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **L-ortografija, il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ideat u l-preżentazzjoni tajbin jgħinuk tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| Il-MARKI | | | |
|---|---|---|---|
| | **It-Taħdit** | **10** | |
| | **Il-Fehim mis-Smigħ** | **10** | |
| | **Il-Qari u l-Kitba** | **80** | |
| | **IT-TOTAL** | **100** | |

| **Taqsima** | **1A** | **1B** | **1Ċ** | **1D** | **1E** | **2A** | **2B** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marka** | **10** | **5** | **10** | **5** | **20** | **15** | **15** | **80** |
| **Marka tal-Istudent/a** | | | | | | | | |

**Kummenti:**

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

## L-EWWEL TAQSIMA: IL-LINGWA (50 MARKA)

**Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.**

# Il-Ħobż Malti



Sewwa jgħidu li **mitt bniedem mitt fehma**, imma fejn jidħol il-ħobż, x'aktarx dan il-qawl jaf jibdel tifsirtu u jieħu laqtiet differenti! Il-ħobż hu ikel universali; madanakollu kull pajjiż jipproduċi l-għamla ta' ħobż unika tiegħu. Malta mhijiex eċċezzjoni u r-raħal ta' Ħal Qormi minn dejjem kien magħruf bħala r-raħal tal-ħabbieża, jew tal-furnara, minħabba li **jforni** l-biċċa l-kbira tal-ħobż ikkunsmat f'pajjiżna. Skont it-tradizzjoni, ir-raġuni għala jinsabu daqstant fran tal-ħobż f'din iż-żona ta' Malta tmur lura għaż-żmien meta f'artna faqqgħet il-malarja. ***(par.1)***

Il-kelma "malarja" hi ta' nisel rumanz u ġejja mit-Taljan *mal'aria*, li tfisser litteralment, arja ħażina. Missirijietna kienu jemmnu li din il-marda tkompli tinfirex hekk kif issib arja ħażina. Minħabba li Ħal Qormi jinsab qrib il-Marsa, dak iż-żmien **art miżgħuda għadajjar kbar ta' ilma qiegħed u arja mniġġsa**, kienu jaħsbu li dan kien aktar suxxettibbli għall-malarja minn imkejjen oħrajn. Minħabba f'hekk, inħarġet ordni li l-fran tal-ħobż kellhom jinbnew f'dawn l-**akkwati** ħalli d-duħħan li joħroġ miċ-ċmieni ibewweġ il-marda 'l hemm. Illum f'dawn il-gżejjer m'għadekx tilmaħ nies morda bil-malarja, imma l-fran f'Ħal Qormi għadhom isaltnu hemm sal-lum. ***(par.2)***

Il-biċċa l-kbira ta' missirijietna kienu bdiewa li kienu jipproduċu l-qmuħ tagħhom. Għaldaqstant, ħafna mill-familji, l-aktar nisa tad-djar, kienu jagħġnu u jaħmu l-ħobż tagħhom ta' kuljum. Mal-medda taż-żmien, bdew ifaqqsu ħabbieża mħarrġa professjonalment li wassal sabiex il-Gvernijiet fasslu liġijiet li jirregolaw mhux biss il-bini tal-fran, imma saħansitra l-kwalità tal-ħobż u prezzu. ***(par.3)***

Illum il-ġurnata l-varjetà ta' ħobż disponibbli kibret. Għall-bidu l-iktar ħobż komuni kien dak *tal-maħlut*, magħmul minn taħlita ta' qamħirrun u xgħir, bil-qamħ jiżdied wara mat-taħlita. Kellu lewnu jimbuttak imma kien mimli nutrijenti u b'togħma mill-aqwa. Dan it-tip ta' ħobż kont tista' tibqa' ssibu

sat-Tieni Gwerra Dinjija. Illum insibu firxa wiesgħa ta' ħobż abjad fosthom dak *tal-Franċiż, tal-Ingliż,* u *tal-kexxun*; dak ismar jew bil-frott u ċ-ċereali qisu kejk biex jolqot il-gosti ta' kulħadd! ***(par.4)***

U bilħaqq, f'Għawdex għadhom jiddilettaw bil-ftira Għawdxija, li m'għandha x'taqsam xejn mal-ftira Maltija, u li tista' tkun tal-bakkaljaw, tal-ful, tal-ġobon, tal-inċova, tal-makku. Għandhom ukoll il-ftira tar-Randan, magħmula minn ħobż moqli fiż-żejt bl-inċova, ikel tipiku ta' żmien ir-Randan. ***(par.5)***

(Addattata minn *Ħobż Malti*, pp.24-25, meħuda mill-ktieb *Malta and Gozo*)

## 1A. Fehim it-Test

___ 10 marki

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq li għadek kemm qrajt.**

1. Fl-ewwel paragrafu naqraw li l-ħobż, daqskemm hu universali hu wkoll partikulari għal pajjiżi speċifiċi. Xi jrid ifisser il-kittieb b'din l-istqarrija?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(2 marki)

2. F'Ħal Qormi hemm kwantità kbira ta' fran tal-ħobż. Għaliex seħħ dan storikament? ***(par.2)***

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(2 marki)

3. Semmi żewġ affarijiet li l-liġijiet tal-Gvern riedu jirregolaw meta bdew jiżdiedu l-fran kummerċjali. ***(par.3)***

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(2 marki)

4. X'kellu l-ħobż tal-maħlut li ma kienx jagħmlu popolari ma' kulħadd? ***(par.4)***

_______________________________________________

_______________________________________________(marka)

5. F’madwar 30 kelma, ikteb dwar x’taħseb li hemm differenti bejn il-ftira kif jagħmluha l-Maltin u kif jagħmluha l-Għawdxin. ***(par.5)***

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________(3 marki)

## 1B. Għarfien il-Lingwa

**___ 5 marki**

1. Fisser dan il-kliem skont kif użat fis-silta:

   i. “jforni” (***par.1***): ________________________ (marka)

   ii. “akkwati” (***par.2***): ________________________ (marka)

2. Fisser il-qawl “mitt bniedem mitt fehma” ***(par.1)*** skont kif użat fis-silta.

________________________________________

________________________________________(marka)

3. Mill-ewwel paragrafu sib żewġ kelmiet li jistgħu jitqiesu sinonimi.

____________________ ____________________ (marka)

4. Tul is-silta niltaqgħu darbtejn mal-kelma “missirijietna” ***(par.2 u par.3)***. Għaliex taħseb li juża din il-kelma l-awtur u x’messaġġ ried iwassal b-iha?

________________________________________

________________________________________

________________________________________(marka)

## 1Ċ. Il-Grammatika

___
**10 marki**

**Aqra din is-silta.**

Fir-Repubblika tal-Maċedonja jiddominaw ġeografikament il-widien ċentrali ffurmati mix-Xmara Vardar, li flimkien għandhom importanza kbira fl-ekonomija u fis-sistema tal-komunikazzjoni tal-pajjiż. Insibu wkoll il-meded ta' muntanji mal-konfini tal-pajjiż b'art ħarxa, li joffru xeni impressjonanti, fosthom il-muntanja Sar b'katina ta' 16-il muntanja oħra, bl-ogħla waħda tilħaq l-2,764 metru. Hemm ukoll ħafna sorsi ta' ilma li jvarjaw bejn nixxigħat, xmajjar u mal-ħamsin għadira. Bosta mix-xmajjar jiżbokkaw fl-Ibħra Adrijatiku u Eġew u anke jingħaqdu ma' xmajjar oħra fosthom id-Danubju li tispiċċa fil-Baħar l-Iswed. Magħrufa wkoll hemm disat ibliet li joffru postijiet ta' mistrieħ.

(Addattata minn *Ir-Repubblika tal-Maċedonja*, p.10, meħuda mill-magażin *Mużajk* ta' Mejju 2014)

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

1. Mis-silta, sib aġġettiv femminil ta' nisel semitiku. ____________________
2. Mis-silta, sib avverbju tal-kwantità. ____________________
3. Mis-silta sib nom proprju. ____________________
4. Agħti s-singular ta' "widien". ____________________
5. Ikteb dan in-numru fi kliem: "2,764 metru". ____________________
6. Agħti z-zokk morfemiku tal-aġġettiv "ċentrali". ____________________
7. Liema hu s-suffiss rumanz tal-parteċipju passiv "ikkunsidrat"? ____________________
8. Agħti l-għerq tal-parteċipju passiv "magħrufa". ____________________
9. Aqleb il-frażi fis-singular: "*... mix-xmajjar jiżbokkaw fl-ibħra ...*". ____________________
10. Ikteb il-verb ta' din is-sentenza fil-Perfett billi tuża l-verb awżiljarju "kien": "*Fir-Repubblika tal-Maċedonja jiddominaw ġeografikament il-widien ċentrali ...*". ____________________

**1D. Il-Kitba l-Qasira**

___
**5 marki**

**IR-RAPPORT: Agħżel mistoqsija WAĦDA minn (i) jew (ii).**



(i) Fis-27 ta' Diċembru 2014, it-tenur Malti ta' fama mondjali, Joseph Calleja, ta kunċert memorabbli fit-Teatru Manoel, il-Belt Valletta bħala parti mill-inizjattivi b'rabta mal-Festival tal-Barokk 2014. Bosta kienu dawk in-nies li attendew għal dan il-kunċert u ħassewhom mill-aktar sodisfatti. Ikteb rapport ta' bejn **60 u 80 kelma** dwar dan il-kunċert.

**JEW**



(ii) Fit-23 ta' Novembru 2014 li għadda, saret il-ġirja tal-President bil-għan li jinġabru fondi għall-*Community Chest Fund*. M'hemmx dubju li l-attività kienet suċċess u laħqet il-milja tagħha. Ikteb rapport ta' bejn **60 u 80 kelma** sabiex tagħti t-tagħrif meħtieġ dwar din l-attività.

Ikteb x'għażilt: ___

## 1E. Il-Komponiment

___
**20 marka**

**Ikteb madwar 300 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti fuq karta separata.**

1. "Id-dinja tal-lum qed tgħix it-Tielet Gwerra Dinjija f'biċċiet". Iddiskuti dan fid-dawl ta' dak li qed iseħħ fid-dinja llum.
2. "Anna, fejn qiegħda? Wasalt?" Irrakkonta storja li tibda b'dan il-kliem.
3. Għadek kemm dħalt taħdem bħala xufier/a ta' karozza tal-linja mal-kumpanija tat-trasport pubbliku. Iddeskrivi wħud mill-passiġġieri li telgħu miegħek fin-nofstanhar tal-ewwel ġurnata xogħol tiegħek.
4. Fl-iskola fejn tattendi, talbuk tindirizza lill-istudenti sħabek dwar il-vantaġġi u l-iżvantaġġi b'rabta mal-koedukazzjoni fejn il-bniet u s-subien jattendu l-iskejjel sekondarji flimkien. Ħejji diskors xieraq għall-okkażjoni.

## IT-TIENI TAQSIMA: IL-LETTERATURA (30 MARKA)

**2A. Ir-Referenza għall-Kuntest: Il-Poeżija (*Bejn Ħaltejn*)**

___
15-il marka

**Agħżel WAĦDA (i) jew (ii).**

(i) Aqra sewwa din il-poeżija *Quo Vadis* ta' Rużar Briffa u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.

Waħidha,
fuq l-għolja ġeblija,
imbiegħda mill-bqija ta' ħutha
fil-qalb ħadranija
tal-wied,
ix-xwejħa ħarruba,
magħtuba
mit-toqol tas-snin,
qed tħares madwarha
ħa tara
il-għaġla tan-nies għaddejjin.

... U taħseb:
kemm huma mgħaġġlin,
fejn huma sejrin
għal dejjem bla sabar
min-nieqa sal-qabar
dal-ħalja bnedmin?
Fejn huma l-għeruq?
Qatt lilhom ma trażżan il-bewsa tar-riħ?
Qatt lilhom ma tlajjem is-sħana tax-xemx?
Għaliex ftit mistrieħ
għalihom ma hemmx,
u l-lehma biss tagħhom
il-ħajja tas-suq?

### Mistoqsijiet:

1. X'inhi t-tema ta' din il-poeżija? Tħoss li hija relevanti għal-lum? Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

2. Ikkummenta fuq it-tul tal-versi li juża l-poeta fl-ewwel strofa u għid għaliex taħseb li jużahom.

____________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

3. Agħti eżempju ta' rima magħluqa mit-tieni strofa.

____________________________________________________________

________________________________________________________ (marka)

4. Mill-poeżija kollha sib eżempju ta':

   i. "anafora": ______________________________ (marka)

   ii. "personifikazzjoni": ______________________________ (marka)

   iii. "enjambament": ______________________________ (marka)

5. X'taħseb li ried iwassal il-poeta bid-differenza tal-ambjenti li fihom kienet tinsab il-ħarruba meta mqabbla mal-ambjent tal-"bqija ta' ħutha"?

____________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

6. X'tifsira tagħti lill-kelma "ħalja" (vers 17) kif jużaha l-poeta fil-poeżija? Tħoss li qiegħda f'postha fil-kuntest tal-poeżija kollha? Għaliex?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

______________________________________________________ (3 marki)

7. X'jissejħu t-tip ta' mistoqsijiet li tagħlaq bihom il-poeżija? Għalfejn taħseb li l-poeta jagħlaq il-poeżija b'għadd ta' mistoqsijiet ta' dan it-tip?

____________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

**JEW**

(ii) Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Niftakar ...* ta' Anton Buttigieg u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.

Niftakar
tal-qniepen il-mota ferrieħa,
u l-Ave Maria ta' Schubert,
taż-żahar il-fwieħa,
u l-għafsa ta' idek ma' driegħi,
u l-ħeġġa ta' wiċċek ħamrani,
u l-mantar bajdani
jitkaxkar mal-qiegħa
tal-korsija;
id-dija u d-dawl tal-parilja,
il-ħsejjes taż-żwiemel għaddejja,
u ġemgħa bil-ħrara
ma' biebna biex tara
sbuħitna,
mħabbitna;
u xita ta' ross
li niżlet għal fuqna bla ħoss;
imb'għad ix-xampanja
li tfawwar bil-qawwa,
bir-ragħwa,
u l-kejk qisu torri bajdan,
u l-*foxtrot*, u t-tango, u l-waltzer,
u s-sakra u ż-żifna
tal-qraba u l-ħbieb;
bla tmiem.

## Mistoqsijiet:

1. Il-poeżija jisimha *"Niftakar ..."*. Għaliex taħseb li l-poeta jagħti dan l-isem lill-poeżija?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

2. X'inhu l-kuntrast ewlieni fil-poeżija sħiħa? Kif tħoss li l-poeta joħroġ dan il-kuntrast fil-poeżija?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (3 marki)

3. Fis-silta mogħtija l-poeta jirreferi ħafna għas-sensi tal-bniedem. Agħti eżempju ta' kif jagħmel dan u għid x'effett tħoss li dan joħloq fil-qarrej.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3 marki)

4. Mis-silta mogħtija sib eżempju ta':

i. "polisindeto": ______________________ (marka)

ii. "similitudni": ______________________ (marka)

iii. "alliterazzjoni": ______________________ (marka)

5. Ikteb fuq it-tul tal-versi ta' din l-istrofa u n-nuqqas ta' punteġġjatura u l-effett li dan joħloq fil-qarrej.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

6. Fir-raba' vers il-poeta jsemmi taż-"żahar il-fwieħa". X'tifsira tagħti lil din il-frażi fil-kuntest tat-tema ewlenija tal-poeżija kollha?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

## 2B. Il-Komponiment Letterarju: Ir-Rumanzett (*Il-Ħarsa ta' Rużann*)

**15-il marka**

**Agħżel WAĦDA minn (i) jew (ii) u wieġeb fuq karta separata.**

**Ikteb madwar 200 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti.**

(i) Fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann*, Rużann tibqa' tipproteġi lil dawk kollha li jiġu warajha u tiggwidahom biex jimxu 'l quddiem. Għalhekk tibqa' tipproteġi lid-dixxendenti tagħha anki wara mewtha. Iddiskuti dan fid-dawl tar-rumanzett li studjajt. Saħħaħ l-argumenti tiegħek billi tikkwota (direttament jew indirettament).

**JEW**

(ii) Matul ir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann*, niltaqgħu ma' bosta karattri, dixxendenti ta' Rużann, li fihom jispikkaw kwalitajiet pożittivi. Iddiskuti dan fid-dawl tar-rumanzett li studjajt. Saħħaħ l-argumenti tiegħek billi tikkwota (direttament jew indirettament).

**Tmiem il-Karta**

| | |
|---|---|
| <u>**Malti Track 3**</u> | **Il-Qari u l-Kitba – Paġna 4 – 1B - Għarfien il-Lingwa – nru 4**<br>**b-iha** trid tiġi **biha**<br>**L-Iskema tal-Marki - Paġna 6 – nru 5**<br>**ġejjien** trid tiġi **ġejjin** |